MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tad-19 ta' Gunju, 2012

Numru. 637/2012

**Il-Pulizija**
**[Spettur Chris Pullicino]**
**[Spettur Jason Sultana]**

**vs**

**Tony Attard**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Tony Attard detentur tal-karta tal-identita` numru 13775(M).

Akkuzat talli:

Fit-18 ta’ Gunju, 2012 ghal habta tal-10:45a.m. gewwa s-Swatar limiti tal-Imsida, iddenunzja lill-Pulizija Ezekuttiva reat, liema reat jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq tracci

ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dan ir-reat kien sar u dan bi ksur tal-artikolu 110(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-fedina penali li hija netta;

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb hati tal-akkuza kif dedotta kontrih u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu;

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 110 (2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda ssib lill-imputat Tony Attard hati tal-akkuza kif dedotta kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 qieghda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tlett (3) snin mil-lum.

Finalment spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------